**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 7 ta' Awwissu 2024**

**Kawża Numru: 6637/2024**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kurt Farrugia)**

**kontra**

**Ahmad Aldzhafar Sauah**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Ahmad Aldzhafar Sauah, ta' tlieta u għoxrin (23) sena, imwieled ġewwa s-Sirja, nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed (2001) u detentur tal-passaport Bulgaru bin-numru 860089516:-

U nakkużah talli:

1. Nhar is-sebgħa (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30hrs), waqt li kien ġewwa Triq Sant' Antnin f'Wied il-Għajn, saq il-vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni GBC 259 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq il-vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni GBC 259, liema vettura bil-mutur ma kellhiex il-liċenzja valida;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb biss li jagħmel użu termporanju tagħha, saq jew ressaq jew mexxa il-vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni GBC 259 mingħajr il-kunsens ta' sid il-vettura msemmija jew mingħajr xi awtorita' leġittima;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skont l-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti eżebiti mill-prosekuzzjoni;

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u ngħata biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati skond il-liġi.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom ġie mixli l-imputat u li tagħhom huwa iddikjara li huwa ħati, kif ukoll, il-fedina penali tal-imputat. Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li mhux qegħda titlob li tingħata sentenza ta' priġunerija effettiva lill-imputat.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 3(1)(2)(a)(2A) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a)(3) u 61(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat Ahmad Aldzhafar Sauah ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tikkundannah għall-piena ta' sitt xhur priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikou 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi sospiża għal żmien sena mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċari u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm-il darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(2A) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tlettax (13)-il xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara